IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

* **MINUTI tal-Laqgħa A 39**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tnejn 10 ta' Marzu 2014 fil-4.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

Fl-assenza taċ-Ċerpersin Paul Grech, din il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea.

Il-laqgħa bdiet fil-5.05 pm

1.00 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A37**

1.01 Il-Viċi Ċerpersin Paul Galea ppropona li l-minuti tas-seduta A37 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A37

2.00 **Punti li joħorġu mill-Minuti A37**

Punti li joħorġu mill-Minuti A37

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*litter bins* twaħħlu. Hija

*Soft Area* u l-Bandli tal-Baħrija



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

talbithom jivverifikaw peress li bħalissa l-Kunsill kien jinsab mingħajr *Contracts Manager* peress illi l-*Contracts Manager* illi kien għażel il-Kunsill, irrinunzja mill-kuntratt u għaldaqstant il-Kunsill kien fil-proċess illi jagħżel *Contracts Manager* ieħor.

2.02 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li din it-tabella twaħħlet. Tabella tal-ħinjiet tal-ftuħ tal-latrina

3.00 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A38**

3.01 Il-Viċi Ċerpersin Paul Galea ppropona li l-minuti tas-seduta A38 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A38

**4.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

4.01 Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa li waqa' parti mill-ħajt tal-ġnien tal-bandli. Huwa ppropona li dan il-ħajt jissewwa u li jsirlu xi forma ta' lqugħ sabiex il-karozzi li jipparkjaw fit-triq ta' taħt dan il-ġnien jiġu protetti. Il-Kumitat qabel. Tiswija ta' tal-ħajt tal-ġnien tal-bandli

4.02 Is-Sur George Attard ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur tal-iskart reġa' qiegħed jiġbor l-iskart qabel is-7.00 ta' filgħodu. Is-Segretarju Eżekuttiv saħqet li ser toħroġlu ittra ta' twissija peress li avzajnieh diversi drabi. Ittra ta' twissija lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart

4.03 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea saħqet illi wara li ġew *resurfaced* it-toroq tal-Baħrija fl-2007, is-sinjali tat-traffiku baqgħu qatt ma saru. Konsegwenza ta' dan, qed isir parking bl-addoċċ speċjalment fi Triq l-Iskola. Għaldaqstant hija talbet illi jiġi vverifikat min kellu jagħmilhom, jekk hux it-Transport Malta jew inkella l-Kunsill. Sinjali tat-traffiku

**5.00 Affarijiet Oħra**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Amministrattiv għas-sena 2014 hija ta' €225,021. Hija tat spejga ta' kif għandha titqassam din l-allokazzjoni. Allokazzjoni Finanzjarja

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 14 ta' April 2014 fil-4.45 pm — Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-5.55 pm

Paul Grech
**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**